*20 ta' Settembru, 2011*

80/2011

**SEMINAR GĦALL-GĦALLIEMA U *LEARNING SUPPORT ASSISTANTS* ĠODDA FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA**

Is-Segretarjat għall-Edukazzjoni tal-Knisja f'Malta organiżża seminar ta' jumejn għall-għalliema u l-*learning support assistants* (LSAs) li ser jibdew l-impjieg tagħhom fl-iskejjel tal-Knisja matul is-sena skolastika li tibda fil-jiem li ġejjin.

Aktar minn 120 parteċipant minn 30 skola differenti attendew għal dan is-seminar li ntemm llum, it-Tlieta 20 ta' Settembru 2011, u li sar fil-Kurja tal-Arċisqof, l-Furjana. Il-parteċipanti ngħataw informazzjoni fuq is-servizzi li jingħataw fl-iskejjel u ġie spjegat lilhom l-ethos u l-kariżma tal-iskejjel tal-Knisja.

Il-kelliem prinċipali llum kien l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. Fil-messaġġ tiegħu l-Arċisqof tkellem dwar ir-rwol tal-għalliema bħala medjaturi bejn il-ġenituri u uliedhom. Semma l-importanza li l-għalliema ma jkollhomx preġudizzji lejn l-istudenti u appella biex fil-ħidma tagħhom huma jgħaddu l-valuri lill-istudenti.

Dr Rose Anne Cuschieri, Direttur tal-iskejjel tal-Knisja tkellmet dwar l-importanza li qabel jibdew il-karriera tagħhom, l-għalliema ġodda u l-LSA's jiltaqgħu flimkien biex filwaqt li jingħataw informazzjoni siewja, jifhmu aktar xi tfisser li tkun edukatur fi skola tal-Knisja.